MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 66/2006

**Fl-Atti tar-Riferenza tal-24 ta’ Novembru, 2006, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet:**

**IL-PULIZIJA (Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**John MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-24 ta’ Novembru,

2006[1] (sedenti l-Maġistrat Dottor Audrey Demicoli LL.D.) li permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-akkużat Micallef b'verbal waqt is-smigħ tat-3 ta' Novembru, 2006, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-ilment imqanqal mill-imsemmi akkużat fis-sens li, bl-akkuża li tressqet kontrih, kien sejjer jispiċċa ġudikat darbtejn fuq l-istess reat;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2006, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2006;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ordnat is-sejħa fil-kawża tal-Avukat Ġenerali;

Rat it-Tweġba mressqa mill-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Diċembru, 2006, li biha warrbu l-ilment tal-akkużat billi qalu li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jipprojbixxu li xi piena dwar reat kriminali jkollha diversi elementi marbutin magħha. B'mod partikolari jgħidu li ma jseħħ l-ebda ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali li jgħodd għal min jinsab ħati li jkun kiser xi kundizzjoni li ngħatatlu meta jkun inħeles b'liberta' proviżorja. Itennu li r-regola tan-*ne bis in idem* maħsuba taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni titlob elementi kostitutivi speċifiċi li, fil-każ tal-lum, ma jirriżultawx. Iżidu jgħidu li l-proċeduri dwar it-telfien tal-liberta' provviżorja jikkonċernaw l-artikolu 5, u mhux l-artikolu 6, tal-Konvenzjoni, minħabba li huma ta' xejra amministrativa, fis-sens li l-grad tal-prova meħtieġ huwa dak li jissoddisfa l-eżiġenzi tar-raġonevolezza. Għalhekk, il-fatt li l-liġi tagħna tassimila l-proċeduri dwar ir-revoka tal-liberta' provviżorja mal-proċedura kriminali żżid u mhux tnaqqas il-garanziji lill-parti mixlija bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu. Fl-aħħarnett, qalu li l-fatt li l-proċeduri kriminali dwar jekk huwiex minnu li l-akkużat kiser xi kundizzjoni tal-liberta' provviżorja jsiru qabel il-proċeduri amministrativi

[1] Paġġ. 27 sa 34 tal-atti tal-akkuża

dwar ir-revoka ta' dik il-liberta' provvizorja, lanqas ma jwassal għall-ksur tar-regola tan-*ne bis in idem*;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-akkużat[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-akkużat (liema trattazzjoni kienet reġistrata)[3];

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2007, li bih ħalliet ir-Riferenza għal-lum għas-sentenza, u tat lill-Prosekuzzjoni l-fakulta' li tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet bi Tweġiba sal-31 ta' Jannar, 2007, u b'jedd għar-replika min-naħa tal-akkużat;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Frar, 2007, fuq talba b'rikors tal-Prosekuzzjoni tat-30 ta' Jannar, 2007, li bih tat lill-istess Prosekuzzjoni żmien sal-15 ta' Frar, 2007, biex tressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha minħabba li t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-avukat tal-akkużat ma kinitx għadha saret saż-żmien mogħti oriġinarjament għall-imsemmija Nota;

Rat illi, minkejja dan, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet saż-żmien imġedded li ngħatat bl-imsemmi degriet, u lanqas saret talba biex dak iż-żmien jerġa' jiġġedded;

Rat l-atti kollha;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaliex l-akkużat qiegħed jgħid li se' jġarrab preġudizzju minħabba li, għall-istess għamil, sejjer jgħaddi minn żewġ proċeduri li t-tnejn jistgħu jikkastigawh ta' li għamel.

---

[2] Mogħtija fis-16.1.2007 mill-Ispettur Joseph Cordina, f'paġġ. 13-6 tal-proċess

[3] F'paġġ. 17 sa 22 tal-proċess

Illi l-fatti ewlenin li jolqtu l-każ juru li l-akkużat kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-2001 mixli b'miżapproprijazzjoni, frodi u korruzzjoni. F'Awissu ta' dik is-sena, dik il-Qorti kienet laqgħet it-talba tiegħu u tagħtu l-ħelsien mill-arrest, taħt il-kundizzjonijiet imfissrin fid-degriet tagħha tal-31 t'Awissu, 2001[4]. L-akkużat kien tressaq mixli b'reati oħrajn fl-2002 iżda reġa' kien ingħata l-ħelsien mill-arrest b'degriet ieħor tat-12 ta' Marzu, 2002[5], liema degriet qiegħed fuq l-akkużat kundizzjonijiet ġodda. Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet li l-akkużat kellu jmur l-Għassa ta' Valletta[6], darba kull ġimgħa, biex jiffirma. Skond il-Prosekuzzjoni, l-akkużat kien għamel żmien twil ma jitlax l-Għassa msemmija. Kundizzjoni oħra kienet li l-akkużat ma joħroġx mid-dar tiegħu bejn it-8.30 ta' filgħaxija u s-7.30 tal-għada filgħodu. Fis-7 ta' Ottubru, 2006[7], inħarġet ordni biex il-Pulizija tad-Distrett ifittxu lill-akkużat u jiġbruh. Il-Pulizija marru għadd ta' drabi fl-indirizz tiegħu f'ħinijiet differenti imma ma sabuhx hemm. Fit-18 ta' Ottubru, 2006, l-akkużat irrilaxxa stqarrija[8] u l-għada, tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provviżorja taħt l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi dak inhar li tressaq b'arrest, dik il-Qorti ordnat li l-każ jinstema' b'mod sommarju mill-Qorti li tippresjiedi d-Distrett taż-Żurrieq (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Qorti Riferenti"). Ċaħdet, iżda, t-talba magħmula mill-akkużat biex jingħata l-liberta' provviżorja[9]. Fl-ewwel smigħ quddiem il-Qorti Riferenti – li nżamm fil-31 ta' Ottubru, 2006 – waqt li kienet qegħda tingħata x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-avukat li kien qiegħed jidher għall-akkużat irrinunzja għall-patroċinju. Il-kawża tħalliet għal data oħra sabiex l-akkużat isib avukat ieħor biex jidher għalih. Fl-ewwel smigħ minnufih wara, jiġifieri dak tat-3 ta'

---

[4] Jidher li dan id-degriet inqered b'nirien li ħakmu l-Awla fejn kien qiegħed jinżamm il-proċess ta' att ta' akkuża li l-akkużat kien oriġinarjament tressaq b'arrest taħtha

[5] Dok "JC1", f'paġ. 6 tal-atti tal-akkuża

[6] Ma jidhirx ċar jekk l-akkużat kienx fil-fatt marbut li jmur jiffirma fl-Għassa taż-Żurrieq (kif jidher li oriġinarjament inkiteb fid-degriet tat-12 ta' Marzu, 2002) u dan ukoll minħabba li d-degriet jgħid "li jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tad-Distrett fejn joqgħod". L-akkużat jgħix fiż-Żurrieq. Jidher li ntgħażlet l-Għassa ta' Valletta minħabba li l-akkużat kien marbut b'degriet ieħor ta' liberta' proviżorja magħmul żmien qabel biex imur jiffirma hemmhekk.

[7] Dok "JC4", f'paġġ. 13-8 tal-atti tal-akkuża

[8] Paġ. 1 tal-atti tal-akkuża

[9] Paġ. 3 tal-atti tal-akkuża

Novembru, 2006, l-avukat li deher għall-akkużat qanqal il-kwestjoni kostituzzjonali. Fis-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2006, il-Qorti Riferenti tat id-degriet li bih irriferiet il-kwestjoni lil din il-Qorti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza għandu jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni kostituzzjonali skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[10], u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi *extra petita*[11];

Illi t-termini tar-Riferenza huma fis-sens li din il-Qorti qegħda tintalab tqis jekk bit-tressiq tal-akkużat b'arrest mixli bl-akkuża taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-istess akkużat huwiex qiegħed iġarrab ksur tar-regola li persuna m'għandhiex tbati piena doppja darbtejn għall-istess għamil;

Illi l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

"*(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni ta' l-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-*

[10] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243

[11] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5.

*Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:*

*Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kundizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hix ta' konsegwenza serja.*

"*(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien;*

"*(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċediment, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza*.

"*(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kundizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2)*";

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet, joħroġ ċar li l-liġi taħseb għal sitwazzjoni fejn persuna li tkun ingħatat ħelsien proviżorju mill-arrest taħt garanzija, tista' titlef dik il-garanzija u jista' jintilef ukoll il-ħelsien hekk mogħti jekk kemm-il darba tonqos skond xi waħda mill-għemejjel maħsuba fl-ewwel inċiż, sakemm il-Qorti ma tqisx li tali nuqqas jew ksur ma jkunx wieħed serju. Bit-tieni sub-inċiż, iżda, il-liġi trid li nuqqas bħal dak li jkun jikkonsisti fi ksur ta' waħda mill-kundizzjonijiet magħmulin fid-degriet li jkun ta l-ħelsien provviżorju mill-arrest, isir ukoll reat li jġib miegħu ukoll il-possibilita' ta' multa u/jew piena ta' ħabs f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Fit-tielet sub-inċiż, imbagħad, il-liġi tagħti lill-Pulizija s-setgħa li jitolbu lill-Qorti tordna r-

revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-persuna imputata jew akkużata;

Illi l-għaref avukat difensur tal-akkużat jissottometti li l-artikolu 579(2) jikser kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali, mhux daqstant minħabba r-regola tan-*ne bis in idem*, daqskemm minħabba l-fatt li, minn ksur ta' għamil amministrattiv, nibtu kumulu ta' sanzjonijiet kontra l-istess fatt. Fil-fatt, isejħilhom "parti kostruttiva tal-proċeduri amministrativi". Ikompli jgħid li l-piena maħsuba taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali m'hijiex, kif donna tidher, piena waħda, imma fiha żewġ pwieni – jiġifieri dik kontemplata fl-istess sub-inċiż, u magħha, hemm l-effetti tat-telfien mill-ħelsien provviżorju, minbarra t-telf tal-garanzija (skond is-sub-inċiż 1) li l-akkużat ikun intalab iħallas biex jingħata l-ħelsien mill-arrest, b'deċiżjonijiet separati li jistgħu jittieħdu minn Qorti differenti. Dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem*, jistqarr li l-akkużat għadu ma nstabx ħati, u għalhekk ma teżistix diġa' sejbien ta' ħtija, imma jisħaq li l-possibilita' tinsab hemm diġa'. Fuq kollox, il-proċeduri taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi huma proċeduri kriminali u jġibu magħhom sanzjoni kriminali u mhux sempliċement amministrativa;

Illi l-Qorti tibda biex tistħarreġ **l-aspett Kostituzzjonali tal-prinċipju tan-*ne bis in idem***;

Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha

tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha[12];

Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;

Illi huwa wkoll stabilit[13] li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess;

Illi, fi kliem il-liġi, l-imsemmija dispożizzjoni ma tolqot 'il-ebda liġi li tagħti s-setgħa lil xi Qorti li tisma' proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali li dwaru dak il-membru (kemm jekk instab ħati kif ukoll jekk inħeles mix-xilja) jkun diġa' għadda minn proċeduri dixxiplinari ta' dak il-korp. Iżda, fil-każ li l-Qorti ssib ħtija ta' membru bħal dak, għandha tieħu qies ta' kull piena mogħtija lill-membru taħt il-proċeduri dixxiplinari tal-korp;

Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir[14]. Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem* għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali;

Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli

---

[12] Art. 527 tal-Kap 9

[13] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

[14] Ara, per eżempju, Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i. 370, a fol 382** *et seq*) għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova

l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu huwa marbut b'eċċezzjoni li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;

Illi mill-kliem tal-istess eċċezzjoni, jidher li l-fatt li l-proċeduri dixxiplinari ta' qabel quddiem tribunal li mhuwiex "Qorti" għall-finijiet tal-Kostituzzjoni kienu jitqiesu bħala proċeduri ta' għamla kriminali ma jfixklu xejn it-tmexxija 'l quddiem ta' proċeduri oħrajn quddiem Qorti kompetenti f'Malta. Dan għaliex dik il-Qorti għandha l-ewwel twettaq ħidmietha kif imiss fil-liġi u mbagħad, jekk tasal għall-fehma li kien hemm ħtija, tqis il-piena li setgħet ġiet mogħtija fil-proċeduri ta' qabel meta tiġi biex tagħti l-piena skond is-sejbien tal-ħtija min-naħa tagħha;

Illi fil-kwestjoni li l-Qorti għandha quddieha, m'huwiex il-każ li l-akkużat għadda diġa' minn proċedura dixxiplinari quddiem xi tribunal jew Qorti. Iżda huwa qiegħed ixebbah il-fatt li issa tressaq mixli bir-reat taħt l-artikolu 579(2) u l-konsegwenzi ta' dik ix-xilja mal-konsegwenzi li jista' jġarrab jekk kemm-il darba l-**istess għamil tiegħu** kellu jiġi mistħarreġ ukoll mill-Qorti (fil-fatt kienu żewġ Qrati) li kienet oriġinarjament tagħtu l-ħelsien mill-arrest;

Illi, minbarra dan, l-istħarriġ tal-allegazzjoni (imqanqla minn parti mixlija b'reat) li dik il-proċedura hija ripetizzjoni ta' proċedura bħalha li diġa' kienet ittieħdet kontriha għall-istess reat għandu jsir mill-Qorti li quddiemha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni. Sakemm dan isir u l-fatt li dan isir, huwa meqjus bħala stadju proċedurali li jżomm milli jseħħ ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni[15]. Dan jingħad għaliex biex ikun hemm ksur tad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni, l-Qorti trid tkun injorat il-piena jew sanzjoni li l-persuna tkun diġa' ngħatat minn u taħt il-proċeduri dixxiplinari li kienu saru qabel, meta tiġi biex tapplika piena hi għas-sejbien ta' ħtija;

---

[15] P.A. (Kost) **10.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kummissraju tat-Taxxi Interni et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.525**)

Illi f'dan l-istadju jista' jingħad li din l-interpretazzjoni tat-test Kostituzzjonali tinjora għal kollox **il-fatt waħdu ta' proċedura ripetuta** fil-konfront tal-istess għamil li persuna tkun wettqet. Fi kliem ieħor, jista' jagħti l-każ li persuna titressaq l-ewwel taħt proċedura dixxiplinari u tinħeles, u terġa' titressaq taħt proċedura quddiem Qorti dwar reat għall-istess għamil u tinħeles ukoll. F'dan il-każ, huwa minnu li ma tkunx batiet piena, imma ħadd ma jista' jiċħad li hija tkun għaddiet minn żewġ proċeduri għall-istess fatt u mill-ansjeta' u t-tiġrib kollu li dawn iġibu magħhom. Jidher, iżda, li l-eċċezzjoni misjuba fil-*proviso* tal-artikolu 39(9) ma tqisx dan il-preġudizzju bħala ta' xkiel għat-teħid ta' proċeduri oħrajn ta' għamla kriminali quddiem Qorti bla ma jkun hemm ksur tal-istess sub-artikolu;

Illi għalhekk meta wieħed iqis kif inhu mibni l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari meta wieħed iqis sewwa l-parametri stretti tat-tifsiriet tal-kliem użat u kif ukoll l-esklużjoni misjuba fil-*proviso* tal-istess artikolu, il-Qorti tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li t-teħid waħdu fil-konfront tal-akkużat ta' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jikkostitwixxi ksur attwali jew potenzjali tal-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari tal-jedd tiegħu li ma jkunx akkużat darbtejn dwar l-istess fatt;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-Aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni,** jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa' aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta[16], jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi ipproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie ipproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel

[16] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 t'Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002)

eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni;

Illi għalkemm jissemma biss *en passant* fir-Riferenza, ma jistax jonqos li l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti ma jżommx ukoll quddiem għajnejh dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex wieħed ma jistax iqis kif imiss l-implikazzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jekk mhux fid-dawl tal-imsemmi artikolu, kif sejjer jitfisser iżjed 'il quddiem f'din is-sentenza. Huma dawn id-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem* (magħruf ukoll bħala r-"*rule against double jeopardy*"), li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-assjem ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrulhiex il-jeddijiet mogħtijin lilha taħt dak id-dritt. Iżda, fl-istess waqt, wieħed m'għandux iħawwad il-jedd tan-*ne bis in idem* mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaġa. Dan jgħodd iżjed u iżjed f'dan il-każ fejn l-akkużat ma jibnix l-ilment tiegħu speċifikatament fuq ksur tal-jedd tiegħu għal smigh xieraq;

Illi l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ma jżommx milli persuna tiġi suġġetta għal iżjed minn proċediment wieħed ta' karattru differenti, bħal fil-każ ta' teħid ta' proċeduri dixxiplinari u proċeduri kriminali kontra l-istess persuna fl-istess ġurisdizzjoni[17]. Iżda meta l-proċedimenti dixxiplinari jkunu ta' għamla u gravita' tali li jattiraw fuqhom l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jeddijiet maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, allura dan iġib miegħu l-effett li jitqiesu wkoll dawk il-jeddijiet li jimxu id f'id mal-imsemmi artikolu, bħalma huwa l-prinċipju tan-*ne bis in idem* maħsub fl-artikolu 4;

[17] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 569

Illi dak l-artikolu lanqas ma jżomm milli jittieħdu kontra l-istess persuna proċedimenti ta' għamla kriminali f'ġurisdizzjonijiet differenti dwar l-istess għamil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar proċedimenti preċedenti li jkollhom it-timbru ta' ġudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni[18];

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;

Illi s-soluzzjoni tal-kwestjoni dwar **jekk il-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra l-akkużat jikkostitwux ksur tal-jedd tiegħu tan-*ne bis in idem***, tiddependi mill-isfera ta' applikazzjoni tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Il-Qorti tidentifika dawn l-elementi biex jista' jingħad li tali jedd ikun inkiser: (i) teħid ta' proċeduri **jew** l-għoti ta' piena mill-ġdid; (ii) fi proċediment kriminali; (iii) għal reat li dwaru tkun diġa' ngħatat deċiżjoni finali; (iv) fl-istess ġurisdizzjoni; u (v) skond il-liġi u l-proċedura ta' dak il-pajjiż. L-għan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa għalhekk dak li jżomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess Stat ta' proċeduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'deċiżjoni finali[19];

Illi ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-kliem tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jirreferi għal proċess jew kastig "għaldarboħra" ta' persuna għal reat li dwaru tkun diġa' ġiet kundannata jew meħlusa b'sentenza li tkun finali: l-artikolu ma jirreferix għall-"istess reat". Jidher għalhekk li l-mira ewlenija tal-imsemmi artikolu hija dik li persuna ma tiġix proċessata iżjed minn darba għall-istess fatt u mhux biss li ma tiġix kastigata iżjed minn darba għalih. Lanqas jidher li dak l-artikolu jagħmel distinzjoni dwar jekk il-proċedimenti dwar persuna għal reat ikunu ttieħdu

---

[18] Ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22
[19] Ara ***Gradinger vs Austria*** (**23.10.1995**) (Applik. Nru. 15963/90), par. 53

quddiem l-istess qorti jew inkella jkunux saru quddiem qrati differenti;

Illi kemm hu hekk, ġie mfisser ukoll li "*the question whether or not the non bis in idem principle is violated concerns the relationship between the two offences at issue and can, therefore, not depend on the order in which the respective proceedings are conducted*"[20]. Għalhekk, "*while it is true that* ***the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article****, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried and punished for nominally different offences. ... Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements*"[21];

Illi minn dak li joħroġ minn dawn id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja wieħed jislet il-fehma li dak li huwa essenzjali għad-determinazzjoni ta' jekk it-"tieni" proċediment jiksirx ir-regola tan-*ne bis in idem* hu jekk ir-reat li bih il-persuna tiġi mixlija jikkostitwix għamil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diġa' nstabet ħatja. Jekk l-elementi jirriżultaw l-istess jew jirkbu fuq xulxin, allura t-tendenza hija li jkun hemm ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Min-naħa l-oħra, jekk l-għamil wieħed jagħti lok għal iżjed minn reat punibbli wieħed, it-teħid ta' iżjed minn proċedura waħda fil-ġurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik ir-regola[22];

Illi x'ħin il-Qorti tqiegħed il-fatti li joħorġu mill-każ li għandha quddiemha fid-dawl ta' dawn il-prinċipji stabiliti (għalkemm għadhom qegħdin jevolvu) mill-Qorti Ewropeja, għandu jirriżulta li l-ilment imqanqal mill-akkużat ma jirriżultax fondat lanqas taħt il-parametri tal-Konvenzjoni. Ir-raġuni ewlenija hi li, sal-lum, l-akkużat għadu ma jistax jgħid li diġa' ngħatat dwaru xi deċiżjoni

[20] Ara ***Fischer vs Austria*** (**29.05.2001**) (Applik. Nru. 37950/97), par. 29
[21] Ara ***Ponsetti and Chesnel vs France*** (**14.9.1999**) (Applik. Nru. 36855/97)
[22] Ara, per eżempju, ***Goktan vs France*** (**2.7.2002**)(Applik.Nru. 33402/96), par. 44, 52

minn Qorti dwar l-għamil li huwa jinsab mixli bih u liema deċiżjoni saret ġudikat. Il-Qorti qegħda tiċċara li hija waslet għal din il-fehma tagħha fid-dawl tar-riferenza kif saritilha mill-Qorti Riferenti;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel tagħha l-konklużjonijiet milħuqa minn din il-Qorti (diversament presjeduta) f'sentenza oħra tagħha meta, hija u tistħarreġ każ bħal dan li kien ukoll jolqot l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qalet li: "*dak li ma jridux id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni hu li xi ħadd, wara li jkun ġa' għadda minn proċeduri kriminali u ġa' nstab ħati jew meħlus, jerġa' 'għal darb'oħra' jgħaddi minn proċeduri kriminali dwar l-istess reat, u mhux ma jgħaddix minn dawk il-proċeduri lanqas darba waħda*"[23];

Illi, kif ingħad f'okkażjonijiet oħrajn, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq[24]. Din il-Qorti għalhekk tħalli f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala l-Qorti kompetenti biex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar il-mixi 'l quddiem tal-proċeduri mressqin quddiemha, kif jippreskrivi l-istess artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret ir-Riferenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali** bid-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2006, billi tgħid li l-proċeduri meħuda kontra l-akkużat u li għadhom qegħdin jinstemgħu mill-Qorti Riferenti ma jiksrux il-jeddijiet tal-akkużat la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni; u

---

[23] P.A. Kost GCD **11.12.2006** flatti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Żahra***
[24] Ara Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.417**)

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex jgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex tkompli tisma' l-każ skond din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------